MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 107

22 ta' Frar 2019

Minuti tas-seduta Nru. 107 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Frar 2019 fl-4.30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsillier P. Cutajar li għarraf permezz ta' imejl datat 18 ta' Frar 2019, illi ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol.

Il-Kunsill aċċetta r-raġuni mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsillier J. Attard stqarr li fl-ewwel parti tas-seduta preċedenti huwa kien aċċenna għall-intervent li għamel dwar it-trasport illi jipprovdi l-Kunsill għall-anzjani li jattendu ċ-ċentru ta' matul il-jum. Huwa għaldaqstant talab li jidħlu l-minuti segwenti:

***"3.1.1. Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)***

*3.1.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għas-servizz imsemmi u aċċenna għall-fatt li l-carers li qed jakkumpanjaw lill-anzjani qed jirrifjutaw li jiftħu l-bieba tal-minibus biex jitilgħu u jinżlu l-anzjani, minħabba raġunijiet ta' saħħa u billi l-istess bieba tkun tqila meta l-minibus tieqaf f'telgħa. Huwa staqsa dwar jekk il-kuntratt jgħidx minn suppost jiftaħ u jagħlaq il-bieba.*

*3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li l-kuntratt jistipula illi x-xufier tal-minibus irid jgħaddi ċ-ċentru ta' matul il-jum għall-carers qabel jibda l-vjaġġ tal-filgħodu, u jħallihom ċ-ċentru wara l-vjaġġ li jieħu lill-anzjani f'darhom. Is-Sur C. Debono qal li l-kuntratt*

*sar b'dan il-mod għaliex wieħed jistenna li l-anzjani jkunu assistiti waqt il-vjaġġ mill-istess carers.*

*3.1.4. Is-Sur J. Attard talab li l-kuntrattur għandu jiġi mistoqsi dwar jekk għandux minibus bil-bieba tinfetaħ waħedha.".*

1.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li punt ieħor li tħalla barra mill-minuti tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel, u għaldaqstant talab li jidħlu minuti li jinqraw hekk:

**"3.2.1. Xifer perikoluż f'Tal-Prajjet** **(T/3/2/Vol XV)**

*3.2.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni li fl-ewwel parti tas-seduta preċedenti huwa kien aċċenna għall-periklu li jeżist fuq ix-xifer fl-inħawi tal-Prajjet. Huwa qal li dan anke saret referenza għalih waqt laqgħa tal-CORE Platform li saret fit-8 ta' Frar 2019 mill-operatur ta' Popeye Village. Is-Sur J. Attard qal li fis-seduta ta' qabel huwa kien ippropona li jsir xi ħaġa biex jiġi eliminat l-istess periklu.*

*3.2.3. Is-Segretarju aċċenna li fis-seduta Nru. 103 tat-13 ta' Novembru 2018, il-Kunsill qabel li għandhom jitwaħħlu tabelli bil-kliem "Do not go beyond this point – Tmurx lill'hinn minn dan il-post". Is-Sur C. Debono qal li dawn fil-fatt ġew ordinati biex isiru.".*

1.4. Il-minuti taż-żewġ partijiet tas-seduta Nru. 106 tad-29 ta' Jannar 2019, ġew approvati u ffirmati bl-emendi t'hawn fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Proġett "*Active Aging, Active Citizenship, Active Towns (Act)*" (P/10/31)

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.4.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u qalet li bil-għajnuna tal-MEUSAC, ġiet sottomessa applikazzjoni sabiex jinkiseb finanzjament għal dan il-proġett taħt forma modifikata. Hija qalet ukoll li din id-darba issieħeb ukoll il-Comune di Aquaviva, filwaqt li ser ikun l-involviment tat-tfal li jattendu l-Iskola Primarja tal-Mellieħa u Nanniet Malta. L-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sal-1 ta' Marzu 2019.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Kunċert "Pjazza Rock" (A/5/5/Vol VII)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.8.1. tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u għarrfet li minn kuntatt li hija kellha mal-Kumitat Pjazza Teatru Rjal irriżulta li l-ispiża tal-attività titla' għal madwar €3,000 bejn l-armar tal-palk u s-serizz tal-audio. Kien propost ukoll li l-kunċert jingħata nhar il-Ġimgħa 20 ta' Settembru 2019.

2.2.3. Il-Kunsill approva l-involviment tiegħu f'din l-attività.

### 2.3.1. Titjib fi Ġnien Dun Anton Debono u Ġnien tas-Salib (P/4/24)(P/4/22)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, irreferiet għall-minuta 2.10.1. tal-ewwel parti tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-ispiża fuq ix-xtiebi fil-*playing fields* imsemmija tammonta għall-€7,114 (bil-V.A.T. inkluża), ossija 10% tal-somma oriġinali kkuntrattjata.

2.3.3. Hija aċċennat ukoll għall-ħtieġa li jsiru *CCTV cameras* għas-sigurtà f'dawn iż-żewġ postijiet.

2.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

3.1. Ma saru ebda mistoqsijiet.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- Abbozz tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2018;
- Estimi Finanzjarji 2019;
- Pjan ta' Ħidma 2019-2021;
- *Purchase Request Form* – 22/02/19;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 31/12/18 – 09/01/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/01/19 – 15/02/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Ġimgħat tal-Ħelsien fir-Reġjun ta' Ahrweiler (K/1/5/Vol V)

5.1.2. Saret referenza għall-imejl datat 18 ta' Frar 2019 fejn il-Kunsill Lokali ta' Adenau talab lill-Kunsill tal-Mellieħa jagħti d-dettalji taż-żgħażagħ li ser jieħdu sehem fl-avveniment imsemmi sa mhux aktar tard mill-1 ta' Marzu 2019. Il-Kunsill ġie mfakkar li dan ser iseħħ bejn id-29 u l-31 ta' Marzu 2019. Kopja tal-programm ġiet mgħoddiha mal-korrispondenza mibgħuta.

5.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata żmien sas-27 ta' Frar 2019 sabiex il-Kunsillieri jipproponu ismijiet ta' żgħażagħ li jistgħu jieħdu sehem. Kien hemm qbil ukoll li ż-żgħażagħ għandhom ikunu akkumpanjati mis-Sindku J. Buttigieg, il-Kunsillier H. Fenech u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono.

### 5.2.1. *Charging pillars* għall-vetturi (V/4)

5.2.2. Saret referenza għaċ-Ċirkulari AKL 2019/009 maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill fejn għarrfet li Transport Malta għandha l-intenzjoni li tinstalla *charging pillars* għall-vetturi li jaħdmu bil-batterija f'dan il-postijiet:

- Għadira (San Remo);
- Għadira (Sandancer Kiosk)
- Għadira (Costa del Sol)
- Ċirkewwa (Għassa tal-Pulizija); u
- Triq l-Iżbark tal-Franċiżi faċċata ta' Triq il-Qortin.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandha ssir *charging pillar* oħra fil-parkeġġ ta' fuq fir-Ramla tal-Mixquqa.

### 5.3.1. Attività b'riżq Puttinu Cares (S/6/Vol IV)

5.3.2. Saret referenza għal ittra mibgħuta mis-Società Filarmonica La Vittoria fejn appellat lill-Kunsill sabiex jagħmel għotja lill-Fondazzjoni Puttinu Cares billi jisponsorja lill-Atleti Duncan u Anabel Gauci li ser jagħmlu mixja maratona miċ-Ċirkewwa sa' Birżebbugia u lura sal-Mellieħa. Dan bil-għan li jinġabru fondi mingħand diversi Kunsilli Lokali minn fejn ser tgħaddi l-mixja. Kunsilli lokali u għaqdiet mużikali, sportivi, kulturali u politiċi Melleħin ser jiġbru fondi minn fejn tgħaddi l-mixja.

5.3.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-liġi ma tippermettix, iżda qabel li jikkontribbwixxi għal aspetti oħra marbuta mal-attività, kemm-il darba dan ikun meħtieġ.

**5.4.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl, Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, Triq in-Nases, u Triq il-Fortizza (P/5/8/Z)**

5.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq u qal li fl-14 ta' Frar 2019 huwa ntalab jattendi laqgħa qabel is-smigħ tagħha fil-pubbliku li ser isir fit-28 ta' Frar 2019. Is-Sur J. Buttigieg qal li mil-laqgħa msemmija ħareġ biċ-ċar li l-oġġezzjoni tal-Kunsill dwar l-inklużjoni ta' lukanda ma' ġietx meqjusa li tmur kontra l-*policy* tal-Pjan Lokali NWUS3. Irriżulta li lukandi huma aċċettabbli fuq l-art in kwistjoni bis-saħħa tal-*Partial Review of Subsidiary Plans* approvat f'Jannar 2013. Fl-istess dokument, il-*Policy* FL-GNRL–1 tikklassifika l-Mellieħa bħala żona turistika u allura l-inklużjoni ta' lukanda fl-iżvilupp propost qed titqies bħala aċċettabbli.

5.4.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla jispjega li minn naħa l-oħra, it-talba mhux qed tiġi rakkomandata mill-*case officer* konċernat minħabba l-għoli tal-binja. Kemm-il darba dan jitnaqqas u jiġi rtirat 'l ġewwa, jiġi konformi mal-*policy* u l-permess jinħareġ.

5.4.4. Il-Kunsillier J. Attard qal li dan l-iżvilupp ser iġib konġestjoni fil-madwar għaliex huwa wisq intensiv. Huwa qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-Kunsill għandu jitlob sabiex l-art in kwistjoni terġa tinxtara lura mill-Gvern Ċentrali.

5.4.5. Il-Kunsill ma laqax il-proposta, peress li minn issottometta l-offerta tiegħu sabiex jixtri l-art, kien konxju tal-potenzjal tagħha fid-dawl tal-*policies* li diġa kienu fis-seħħ meta nħarġu s-Sejħiet għall-Offerti 121/2015 u 122/2015 fis-16 ta' Ottubru 2015.

**5.5.1. Proġett pilota dwar l-latrini pubbliċi (L/3/Vol III)**

5.5.2. Is-Sindku għarraf li fl-20 ta' Frar 2019 il-Kunsill tal-Mellieħa flimkien ma' Kunsilli oħra f'lokalitajiet turistiċi ġew imsejħa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-*Foundation for Tourism Zone Management*. Tħabbar li l-fondazzjoni ser tagħmel sejħa pubblika għall-*competitive dialogue* sabiex tikkonsidra proposti dwar il-immaniġġjar u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi mill-privat fuq il-kunċett ta' *public private partnership*. Hemm l-istenzjoni li l-użu tal-latrini jkun bil-ħlas, kif ukoll il-kuntrattur jingħata d-dritt li jpoġġi riklami bil-għan li jirkupra l-ispejjeż li jagħmel fiż-żamma u t-tindif tagħhom, kif ukoll jagħmel profitt. Il-Kunsilli Lokali li jipparteċipaw f'din l-inizjattiva mhux ser tinqatgħalhom l-allokazzjoni li jirċievu mill-Gvern Ċentrali.

5.5.3. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa ma jaqbilx li l-użu tal-latrini jkun bil-ħlas u qal li għallinqas għandhom ikunu b'xejn meta jkun hemm attivitajiet popolari organizzati mill-Kunsill.

5.5.4. Il-Kunsillier J. Gauci rrimarka li l-fattur tal-ħlas għandu jagħmel differenza, iżda qal li kieku din l-opportunità tingħata lill-Kunsilli Lokali, probabbli jintlaħqu l-istess għanijiet.

5.5.5. Is-Sindku kkummenta li attwalment l-element tal-ħlas m'għadux daqshekk sinifikanti meta mqabbel mal-livell ta' dehra u ndafa f'dawn il-postijiet. Is-Sur J. Buttigieg qal li qed ikun problema bis-superviżjoni ta' dawn il-postijiet, iktar u iktar billi l-fondi disponibbli ma jippermettux li jkun hemm fattiga f'kull waħda matul il-ħin kollu li dawn ikunu miftuħa.

5.5.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jipparteċipa fil-proġett pilota u għaldaqstant għandu jissopendi l-ħruġ ta' sejħa għall-offerti, skont ma' ġiet mitlub fil-laqgħa li saret.

**5.6.1. *European Maritime Day* (T/4/6/Vol V)**

5.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-imejl indirezzat lilu datat 11 ta' Frar 2019, minn EcoMarine Malta, fejn għarrfu li fis-26 ta' Mejju 2019 huma ser jorganizzaw serjè ta' attivitajiet fl-okkażjoni tal-*European Maritime Day*. Fl-istess korrispondenza sar appell sabiex il-Kunsill jieħu sehem f'dawn l-attivitajiet, li fost oħrajn ser jinvolvu tindif ta' qiegħ-il baħar fil-Bajja tal-Għadira.

5.6.3. Il-Kunsill innota li d-data mogħtija hija eżattament wara jum il-votazzjoni fl-elezzjonijiet tal-Kunsill Lokali u għall-Parlament Ewropew.

### 5.7.1. Laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (A/2/Vol XI)

5.7.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li huwa attenda għal-laqgħa plenarja tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li saret f'Għawdex fil-15 u s-16 ta' Frar 2019.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.8.1. Tqassim ta' kontenituri għas-separazzjoni tal-iskart (K/6/11)

5.8.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għat-tqassim tal-erba' kontenituri tal-iskart permezz tal-kampanja *"Sort It Out" li sar* minn Triq Selmun fis-6, 7, 8 u 9 ta' Frar u fil-Manikata fis-16 ta' Frar 2019. Huwa qal li tqassmu b'kollox 1,755 sett.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Korsijiet taht l-Iskema Taghlim Tul-il Hajja - *Lifelong Learning* (E/3/1/5Vol III)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li permezz tal-iskema msemmija ġiet imtennija applikazzjoni sabiex għas-sena 2019-20 jerġgħu isiru korsijiet fl-Ingliż u l-Malti għall-barranin.

5.9.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.10.1. Iljieli Melleħin 2019 ( A/5/3/5/Vol V)

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien fis-Seduta Nru. 105 tat-8 ta' Jannar 2019, dwar il-possibiltà li jerġa' jittellgħa il-*musical* "Naħal tal-Imħabba" waqt l-Iljieli Melleħin 2019. Hija qalet li l-kantanti qed jitolbu ħlas ta' €350 kull wieħed.

5.10.3. Il-Kunsill ikkonferma l-approvazzjoni tiegħu għall-proposta, filwaqt li ddeċieda wkoll li l-ispejjeż tal-*musical* jittieħdu mill-vot tal-Iljieli Melleħin.

### 5.11.1. *EDEN Innovation Prize* (T/12/2/Vol II)

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 105 tat-8 ta' Jannar 2019, meta ssemmiet it-tnedija tal-kompetizzjoni – EDEN Innovation Prize. Hija kompliet tgħid li saret applikazzjoni fuq tnejn mit-temi magħżula li jinvolvi:

(a) prattiċi tajbin dwar l-introduzzjoni ta' indikaturi rigward turiżmu sostenibbli; u

(b) is-*silver generation.*

5.11.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 6.1. Stqarrijiet Finanzjarji 2018 (F/1/2/Vol VIII)

6.2. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri qabel is-seduta. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2018 spiċċat b'bilanċ negattiv ta' €720,411. Huwa spjega li dan l-iżbilanċ m'għandux jallarma lill-Kunsill għaliex huwa riżultat ta' *accounting exercise* li sar wara l-ħruġ ta' Direttiva 1/2017, illi permezz tagħha d-diprezzament fuq l-assi permanenti tal-Kunsill b'effett mill-2018 bdew jiddiprezzaw bi *straight line method* minflok b'*reducing method.* B'dan il-mod kważi l-assi kollha jiġu bla valur wara ċertu żmien. Għaldaqstant ġiet stabbilita d-differenza bejn iż-żewġ metodi, sena b'sena, u rriżulta li din tammonta għal €587,397, liema ċifra qed tiġi murija fl-istqarrijiet finanzjarji bħala spiża

għall-2018 biss. Flimkien magħha hemm l-ammont ta' diprezzament għas-sena 2018 proprja, li jammonta għal €511,445.

6.3. Is-Sur Galea spjega li l-istess direttiva titlob ukoll li b'effett mill-2018 id-deprezzament ser jibda jinħadem fuq l-ispiża netta għall-Kunsill wara li jinqatgħu l-għotjiet li jista' ikun hemm. Għaldaqstant id-dħul ġej mill-għotjiet mhux ser jibqa' jinqasam fuq numru ta' snin, iżda ser jiġi kkunsidrat sħiħ f'dik is-sena li jsir. Dan jispjega għaliex f'2017 kien hemm €155,779 fi għotjiet li ġew rilaxxjati, filwaqt li fl-2018 ma kien hemm xejn, liema fattur irriżulta fi tnaqqis ta' €62,796 fid-dħul mill-Gvern Ċentrali, bejn l-2017 u l-2018.

6.4. Is-Sur D. Galea kompla jispjega li d-dħul mill-Gvern Ċentrali ammonta għal €1,249,500 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €1,129,904 |
| Allokazzjoni Supplimentari | €80,812 |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €5,982 |
| Dħul Ieħor mill-Gvern | €32,802 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | 0 |

6.5. L-Allokazzjoni Supplimentari tirrappreżenta l-ammont akkumulat dovut lill-Wasteserv Malta Ltd, liema somma tħallset direttament mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.. Kien hemm dħul ta' €3,298 ġej minn *bye-laws* relatat ma' attivitajiet fil-beraħ, korsijiet u permessi għat-tqegħid ta' *skips* eċċ.

6.6. Kien hemm dħul ieħor mis-Sistema tal-Infurzar Lokali ta' €7,460, wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali. Fl-2018 ma kienx hemm dħul ġej mill-LESA, kif kien hemm hemm fis-sena preċedenti.

6.7. Ġie spjegat li kien hemm dħul ta' natura ġenerali li ammonta għal €81,625, marbut mal-iskemi li tniedi d-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, illi jinkludu fost oħrajn l-Iskema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema tal-Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, *sponsorships* li rċieva l-Kunsill, bejgħ ta' kotba, kirjiet, ħruġ ta' permessi eċċ.

6.8. In-nefqa kapitali għas-sena 2018 kienet tammonta għal €494,076, li €473,029 minnhom kienu ġejjin minn għotjiet mogħtija mill-Gvern Ċentrali, jew entitajiet pubbliċi.

6.9. Ġie spjegat li sa Diċembru 2018, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €4,938,989 f'assi permanenti, wara li nqata' id-diprezzament fuqhom. Kien hemm ukoll €625,605 x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill. Sar aċċenn li fl-aħħar tas-sena, il-Kunsill kellu bilanċ biżżejjed fil-banek biex jagħmel tajjeb għal dan id-dejn, peress li l-flus f'kontijiet bankarji kienu jammontaw għal €1,091,327, filwaqt li kien hemm debitu dovut lill-Kunsill ta' €259,221. Kien spjegat wkoll li ġiet irreġistrata żieda ta' €300,064 fil-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill, li kien ikkawżat minn dewmien fl-implementazzjoni ta' proġetti kapitali li diġa huma kkuntrattjati, illi kien ġej mill-istess kuntratturi. Minħabba din ir-raġuni, il-indikatur finanzjarju għalaq fil-livell ta' 'il fuq minn 65%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 35%.

6.10. Il-Kunsill approva l-istqarrijiet finanzjarji u ddeċieda li dawn għandhom jiġu mgħoddija kif ippreżentati lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, lill-udituri appuntati minnu, u lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Azzopardi, illi tgħid:**

**"Billi saret sejħa għall-offerti skont iċ-Ċirkulari 3/2019 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tilqa' l-esiġenzi tal-lokalità fir-rigward tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli li jipprovdi għal:**

- **L-immaniġġjar ta' *bring-in sites*;**
- **Ġbir tal-borża l-griża/ħadra u ħġieġ bieb-bieb; kif ukoll**
- **Servizz ta' ġbir ta' ħġieġ minn barijiet u ristoranti.**

**Billi fis-seduta Nru. 106 tal-11 ta' Frar 2019 saret evalwazzjoni skont ma jidher mill-minuti tal-istess tal-istess seduta.**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat ftehim ma' GreenPak Coop li jkopri s-servizz offrut fl-intier tiegħu għall-perjodu 19 ta' Frar 2019 sal-31 ta' Jannar 2021.".** **(K/6/11)**

7.2. Is-Sindku stqarr li, kif tgħid il-mozzjoni, is-servizz beda fid-19 ta' Frar 2019 u qiegħed isir permezz ta' żewġ vetturi. Wieħed minnhom jibda mis-7.00am, filwaqt li t-tieni wieħed jibda aktar tard għal xi 10.00am. Il-lokalità kollha qed tkun koperta kollha sat-3.00pm.

7.3. Is-Sur J. Buttigieg qal ukoll li fl-20 ta' Frar 2019, GreenPak proviżorjament ikkonsenjaw erba' pakketti ta' għoxrin romblu li fihom sitta u għoxrin borża kull wieħed. Skont ir-rekwiżiti stabbiliti fis-sejħa li għamel il-Kunsill, l-iskema mitluba tgħaddi 1,600 pakkett ta' għaxar boroż 'l wieħed, kull erba' xhur.

7.4. Il-mozzjoni ġiet approvata b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti, wara li kienet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

**8.1. Impjieġ ta' Uffiċjal fi Skala 15** **(P/7/1/Vol XI)**

8.2. Is-Segretarju għarraf li tal-bord maħtur mill-Kunsill fis-seduta preċedenti, intervista lill-unika persuna li bagħtet il-*curriculum vita* tagħha u li applikat minn fost l-impjegati tal-Kunsilli Lokali u r-Reġjuni, skont il-proċedura stabbilita. Fid-dawl tal-fatt li l-iskop ta' dan l-impjieg huwa li tinstab persuni addatata sabiex taħdem fuq xogħol *accounts*, il-mistoqsijiet li saru kienu aktar orjentati f'din id-direzzjoni. Deher biċ-ċar li l-kandidata hija aktar inklinata lejn xogħol ta' *customer care* u kordinazzjoni ta' attivitajiet. Il-Bord huwa tal-fehma li attwalment dawn l-oqsma qed jiffunzjonaw tajjeb u huma appoġġjati b'mod adekwat minn impjegati oħra meta jiżdied aktar minn normal ix-xogħol marbut magħhom. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet u oħrajn imsemmija fir-rapport, il-bord irrakkomanda li ssir talba lill-Jobsplus sabiex jgħaddu lista ta' persuni li qed jirreġistraw għax-xogħol.

8.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-bord.

**9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 22 ta' Frar 2019.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.5. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn il-31 ta' Diċembru 2018 u d-9 ta' Jannar 2019.

9.6. Tressqet ukoll b'mod separat skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Jannar u l-15 ta' Frar 2019.

9.7. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa kien qiegħed jastjeni mid-diskussjoni u sehem fid-deċiżjoni dwar l-*item* Nru. 14 fl-iskeda, skont kif mitlub fl-Artiklu 19 tal-Att XV tal-1993.

9.8. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fl-iskedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fis-7.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2019 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |